MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Numru. 1024/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**

**VS**

**OWEN JOHN MIZZI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Owen John Mizzi, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 59591 (M).

**Akkuzat talli:**

Akkuzat talli fis-7 ta` Marzu, 2012, fl-inhawi ta` Marsaskala, ikkommetta serq ta` oggett u cioe` *mobile* tal-ghamla Nokia N8, liema serq, li sar ghad-deteriment ta` David Buhagiar mill-Mellieha u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn mija u sittax ewro u sebgha u hamsin centezmu (€116.57) imma mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-persuna.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;
Wara li rat l-Artikoli 267 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti, rat l-atti, semghet ix-xhieda, innotat l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, u taht dawn ic-cirkostanzi ssib lil-imputat hati kif akkuzat.

Rigwardanti l-piena, din il-Qorti wara li hadet in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, innotat il-kooperazzjoni tal-imputat mal-awtoritajiet investigattivi, l-ammissjoni bikrija, ir-restituzzjoni tar-rifurtiva, il-fedina penali netta tieghu u l-valur zghir involuti ttenni li piena karcerarja ezekuttiva m'ghandiex tinghata.

Ghaldaqstat dina l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat sabiex jesegwixxi xoghol fil-Komunita` ghal perjodu ta` tlett (3) xhur fl-ammont ta` sittin (60) siegha a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------